MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2003

Numru. 262/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
-vs -
**JOSEPH VELLA**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat JOSEPH VELLA bin Gaetano u Rosa Anna nee Mallia, li joqghod Serena Aparthotel, Triq il-Punici, Xlendi, Munxar, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita` numru 911445M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fil-hmistax ta' Jannar 2003, bi ksur tal-artikolu 22 tal-Att tal-1999 dwar Servizzi tal-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta, Kap 409 fil-Gazzetta 'The Times' tal-hmistax ta' Jannr 2003 [No. 7523] f'pagna tlieta (3) irreklama il-lukanda Serena Beach Club f'kategorija jew klassikifikazzjoni differenti mill-kategorija jew

klassifikazzjoni ufficjali moghtija mill-Awtorita tat-Turizmu u li offra facilitajiet jew servizzi meta dawn il-facilitajiet jew servizzi fil-fatt ma kienux provduti fiz-zmien meta sar r-reklan[avviz].

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 22 u 43(e)(f) tal-Kap 409 tal-Ligijeit ta' Malta.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil Ludgardo Gatt jghid li huwa jokkupa l-kariga ta' Ufficjal tal-Malta Tourism Authority u meta kien qed jaqra l-gurnal 'The Times of Malta' nhar l-Erbgha, hmistax ta' Jannar 2003 ra avviz li semma li s-Serena Beach Club giet reklamata bhala *five star hotel* meta effettivament hija registrata mal-Awtorita bhala *two star*. Illi huwa esibixxa l-avviz relativ sabiex jikkolobora ix-xhieda tieghu liema pagna tat-Times of Malta giet mmarkata bhala dokument CSH. Huwa kkonferma li l-imputat huwa r-*registered licencee* tal-istabiliment Serena Beach Club Hotel.

Xehed wkoll s-Sur Bugeja li hu l-editur tal-gazzetta u kkonferma li d-dokument CSH hija pagna mill-gurnal 'The Times of Malta' tal-harga tal-hmistax ta' Jannar 2003.
Illi l-imputat ghazel li ma jixhidtx f'dawn il-proceduri kif ghandu kull dritt li jaghmel u ghalhekk bhala fatti l-Qorti kienet rinfaccjata biss b'dawk il-versjonijiet tal-fatti kif esposti mill-istess Prosekuzzjoni.

Id-Difiza fit-trattazzjoni orali taghha sostniet li l-Qorti m'ghandhix ssib lil imputat hati ghaliex il-Prosekuzzjoni ma ppruvatx li kien l-imputat li ordna tali reklamar u li ghalhekk ma hemmx nexus bejn ir-reklam tal-lukanda u l-imputat.

Il-Prosekuzzjoni irremettiet ruhha ghal atti processwali.

Rat li l-Prosekuzzjoni ippruvat li l-impuat huwa l-licensee tal-istabbiliment in kwistjoni billi ressqet lil Ludgardo Gatt jixhed u x-xhieda tieghu qatt ma giet kontradetta.

Rat r-reklam muri fil-gazzetta 'The Times' esibit minnu u minn ezami tal-istess jirrizulta veru li Serena Beach Club

Hotel giet reklamata bhala *five star* meta effettivament skond l-istess Ludgardo Gatt, [u mhux michud mill-imputat] din il-lukanda hija *two star*.

Il-Qorti thoss li l-imputat bhala licencee ghandu l-obbligu li jara li r-reklam tal-lukanda isir skond il-ligi u mhux bi ksur taghha u ghalhekk tiddikjara li wara li rat l-artikoli tal-ligi fuq citati tiddikjara li ssib lil imputat JOSEPH VELLA hati tal-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt lira maltin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------